**17 ta' Lulju, 1997**

**Imħallfin:-**

***S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President***
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R. (Hist.) S.**

L-Onorevoli Dott. Eddie Fenech Adami *nomine*

*versus*

Dr. Joe Pirotta *nomine* u
Il-Professur J.J. Cremona *nomine*

***Intempestività - Imparzjalità u Bilanċ fil-Qasam tax-Xandir* - Leġittimu Kontradittur - Rimedju Xieraq - Artikolu 119**

**tal-Kostituzzjoni - l-Att XII ta' l-1991**

*Kemm il-kostituzzjoni kif ukoll l-Att dwar ix-Xandir jesigu illi l-Awtorità tax-Xandir tassigura l-bilanċ u l-imparzjalità fit-termini minnhom imposti indipendentement minn jekk ikunx hemm jew le ilment minn xi parti interessata li tħoss ruħha aggravata.*

*L-Awtorità tax-Xandir hi fdata b'dawn il-funzjonijiet mhux sempliċement biex jiġi assigurat il-mezz kif partiti politiċi u organizzazzjonijiet iwasslu l-veduti tagħhom f'atmosfera ta' demokrazija sħiħa u b'hekk ikunu qed jeżerċitaw id-dritt fondamentali tagħhom għal-libertà ta' l-espressjoni, għalkemm dan hu ukoll vitali, imma ukoll u prinċipalment l-aktar bħala servizz liċ-ċittadini kollha li għandhom id-dritt li jirċievu l-ispectrum sħiħ ta' l-informazzjoni u opinjonijiet diversi fuq materji ta' kontroversja politika jew ta'* policy *pubblika kurrenti. Dan hu fondamentali għall-proċess demokratiku.*

*Id-dover li jiġu assigurati l-bilanċ u l-imparzjalità huwa ukoll estiż għal-*licencees *ta' l-Awtorità tax-Xandir b'mod partikolari fir-rigward tal-mezzi tax-xandir pubbliku.*

*Ix-xandir pubbliku għandu r-responsabbilità partikolari li jipprovdi aħbarijiet u programmi ta' avvenimenti korrenti li jirrispettaw il-ħtiġijiet kostituzzjoanli ta' imparzjalità.*

Il-Qorti:-

Dan hu appell minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ta' l-1 ta' Lulju, 1997 fuq talba ta' l-attur *nomine* magħmula b'ċitazzjoni biex il-Qorti tagħti dawk l-ordnijiet u direttivi li jidhrilha xierqa sabiex jitħarsu l-jeddijiet tiegħu għal xandir imparzjali u bbilanċjat. L-attur qed jaġixxi fil-kwalità tiegħu ta' Kap ta' l-Opposizzjoni u bħala Kap tal-Partit Nazzjonalista u għan-nom u in rappreżentanza ta' l-istess partit;

Din hi ċ-ċitazzjoni li biha pproċeda l-attur *nomine*:

"L-attur *nomine* jippremetti li l-konvenuti *nomine* għandhom jagħtu servizz ta' xandir u jaraw li, f'materji ta' kontroversja politika jew li jirreferu għal *policy* pubblika korrenti, tinżamm imparzjalità xierqa. Il-konvenuti huma ukoll marbuta taħt l-artikolu 119 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u taħt il-provvedimenti ta' l-Att XII ta' l-1991 dwar ix-Xandir li jaraw li l-faċilitajiet u l-ħin tax-xandir jitqassmu b'mod xieraq bejn persuni li jkunu ta' partiti politiċi differenti. Dan id-dmir tal-konvenuti jorbothom ukoll fil-każ ta' kull servizz ta' aħbarijiet, tkun xi tkun l-għamla tal-programmi ta' aħbarijiet;

*Il-Kostituzzjoni u l-liġi ta' Malta ma jħallu li ssir ebda eċċezzjoni għal dawn il-prinċipji mfissra fuq fil-każ ta' servizzi* pubbliċi ta' xandir, bħal ma huma s-servizzi mogħtija mill-*Public Broadcasting Services Limited,* billi dawn huma servizzi ffinanzjati mill-Gvern għall-poplu kollu;

Fl-aħħar ħmistax-il jum qabel ma nfetħet *il-kawża, il*-konvenuti xandru jew ħallew li jixxandru siltiet tal-laqgħat li l-Prim Ministru, l-Onorevoli Dr. Alfred Sant, persuna politika kien qed ikollu mal-kummerċjanti sabiex jitkellem dwar it-tibdil tal-liġi tal-V.A.T. b'sistema ta' taxxi oħra. Din hija materja ta' kontroversja politika, u materja ta' *policy* kurrenti, li dwarha l-attur *nomine*, kemm bħala Kap ta' l-Opposizzjoni kif ukoll bħala Kap tal-Partit Nazzjonalista għandu fehmiet u interpretazzjoni li ma jaqblux ma' dawk li qed jagħti l-Onorevoli Dr. Alfred Sant;

Il-fatt li l-materja nfisha li dwarha l-Onorevoli Dr. Alfred Sant kien qed ikollu laqgħat *mal-kummerċjanti hija waħda ta'* kontroversja politika tidher mill-fatt illi din il-materja kienet u għadha *issue* li dwarha l-partiti politiċi ewlenin ma jaqblu xejn.

Għalhekk f'soċjetà demokratika li tħares id-dritt li għandu l-poplu għall-informazzjoni sħiħa ma għandhiex issir diskriminazzjoni fil-mod kif ikunu mxandra, bix-xandir pubbliku, laqgħat dwar l-istess materja minn persuni b'fehmiet *politiċi li ma* jaqblux bejniethom;

L-attur kellu laqgħat bħal dawk li kellu l-Onorevoli Dr. Alfred Sant, iżda l-konvenuti naqsu milli jagħtu lil dawn il-laqgħat *coverage* bħal dak li taw lil-laqgħat tal-Prim Ministru, *naqsu milli jxandru siltiet minn dawn il-laqgħat bl-istess mod* u bl-istess ħin kif sar fil-każ tal-laqgħat tal-Prim Ministru. Kemm l-attur *nomine* kif ukoll l-Onorevoli Dr. Alfred Sant ser ikollhom aktar laqgħat fuq din il-materja;

L-attur *nomine* qed jgħid li dak li għamlu l-konvenuti huwa abbuż serju mill-mezzi pubbliċi tax-xandir u ksur tal-Kostituzzjoni u tal-Liġi ta' Malta, u lill-attur *nomine* qed *jagħmillu* ħsara billi ma jistax iwassal il-fehmiet tiegħu bl-istess *mod*. Għalhekk talab illi l-Qorti:

Tgħid li l-konvenuti *nomine*, b'dak li għamlu jew *naqsu li jagħmlu*, ma ħarsux id-dmirijiet tagħhom taħt il-Kostituzzjoni u taħt il-liġi;

Tgħid li l-konvenuti *nomine* ħolqu, jew ħallew li jinħoloq, żbilanċ u parzjalità fil-qasam tax-xandir;

Sabiex jer'a' jinżamm il-bilanċ xieraq, tordna lill-konvenuti li, fi żmien qasir li jingħatalhom, ixandru jew jaraw li jixxandru siltiet ta' laqgħat mal-kummerċjanti li kellu l-attur *nomine* fuq l-istess materja, jaraw li dawn is-siltiet ikunu *edited* b'mod professjonali u responsabbli u jkunu mxandra fl-istess ħin u bl-istess mod bħal dawk is-siltiet li kienu mxandra tal-laqgħat li kellu l-Onorevoli Dr. Alfred Sant; u

Taghti dawk l-ordnijiet u direttivi li jidhrulha xierqa sabiex jitharsu l-jeddijiet ta' l-attur *nomine* ghal xandir imparzjali u bilanċjat fil-materja *de qua*;

L-attur *nomine* talab ukoll l-ispejjeż;

L-attur *nomine* pproċeda kontra l-Awtorità *tax-Xandri u* kontra l-*Public Broadcasting Services Limited (PBS Ltd.)* li jikkontestaw it-talbet attriċi b'dawn l-eċċezzjonijiet:

L-eċċezzjonijiet ta' l-Awtorità tax-Xandir:

L-azzjoni ta' l-attur *nomine* hija intemptestiva; l-Awtorità *eċċipjenti talbitu jghidilha liema siltiet mill-programmi qieghed* jghid li huma kontroversjali sabiex, wara, tkun tista' tiddelibera u tiddeċidi;

Ix-xandiriet huma, fil-biċċa kbira taghhom, informattivi. Safejn huma mahsuba biex jaghtu taghrif lill-pubbliku dwar kif tahdem il-liġi ma jaghtux dritt awtomatiku ghal risposta. Madankollu, l-Awtorità hija lesta, kif ġà qalet lill-attur *nomine* li taghtih dritt ghal risposta fejn hemm elementi ta' kontroversja politika u qieghda tistenna li l-attur *nomine* jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu dwar dan;

L-eċċezzjonijiet tal-PBS Ltd:

Billi l-azzjoni hija mibnija fuq l-artikolu 119 tal-Kostituzzjoni l-eċċipjenti mhux leġittimu kontradittur; ma ghandux relazzjoni ġuridika ma' l-attur *nomine* u ghalhekk ghandu jinheles mill-harsien tal-ġudizzju;

Fil-meritu, it-talbiet ta' l-attur *nomine* ma jistghux

jintlaqgħu għax is-siltiet imxandra mill-eċċipjenti ma jiksru ebda liġi u huma biss ta' tagħrif dwar liġi fiskali approvata mill-Parlament;

Ma tirriżulta l-ebda kontestazzjoni ta' sustanza fir-rigward tal-fatti li taw lok għal din il-kawża u dawn ġew sewwa hekk deskritti *fis-sentenza appellata:*

"*Il-Parlament iddiskuta u għadda b'liġi sistema ta'* tassazzjoni sabiex dan jibda jseħħ flok is-sistema tat-Taxxa fuq *il-Valur Miżjud (V.A.T.) li sejjer jitneħħa.* L-Opposizzjoni fil-Parlament, li qed jidher għaliha l-attur Onorevoli Dr. Eddie Fenech Adami ma qablitx li l-liġi l-ġdida kienet tassew aħjar minn dik tal-V.A.T., u din il-kwistjoni qabel ma għaddiet il-liġi l-ġdida kienet *issue* kontroversjali fl-elezzjonijiet ġenerali li saru f'Ottubru ta' l-1996. *Il-konvenuti* jaqblu li l-meritu tal-liġi nfisha, jekk din hijiex aħjar minn dik ta' qabilha u jekk hijiex ta' ġid għall-pajjiż, għan-nies u għall-*ekonomija,* hija *materja* ta' kontroversja politika, qegħdin jgħidu, iżda, kif sejrin naraw aktar 'il quddiem li dan mhux ta' relevanza għall-*meritu ta'* din il-kawża;

Inċidentalment, ladarba semmejna dan il-punt f'dan l-istadju u sabiex *innaqqsu mill*-kwistjonijiet li jibqgħu pendenti, nistgħu ngħidu li t-*transcript tad-dibattitu* fil-Parlament li kien esebit fuq talba ta' l-attur *nomine* sabiex juri li l-liġi nfisha hija materja ta' kontroversja politika, mhux meħtieġ bħala prova ta' hekk la darba dwar dan il-punt hemm qbil, għalkemm ma hemmx qbil dawr ir-relevanza tiegħu għall-kawża. Għalhekk il-Qorti, kif irriservat li tagħmel fis-seduta tal-11 ta' Ġunju, 1997 qiegħda tordna li dan it-*transcipt, li kien esebit bħala dok. RC1* u RC2 jitneħħa mill-inkartament;

Bil-ħsieb li jfisser lin-nies kif taħdem il-liġi l-ġdida, l-

Onorevoli Prim Ministru żamm numru ta' laqgħat mal-kummerċjanti u siltiet minn dawn il-laqgħat kienu mxandra minn, fost oħrajn, il-konvenut *Public Broadcasting Services Limited.* Ix-xandiriet li huma relevanti għall-għanijiet ta' din il-kawża u li, għalhekk, rat il-Qorti wara li l-awtorità konvenuta esebiet *video film* tagħhom, huma dawk li saru qabel it-3 ta' Ġunju, 1997, dak in-nhar li kienet ippreżentata ċ-ċitazzjoni li biha infetħet din il-kawża. Dawn ix-xandiriet b'mod ġenerali kellhom dan il-*format:* wara li jidher *collage* ta' biċċiet ta' *film* li juru attivitajiet industrijali jew kummerċjali u jidhru in sovrapożizzjoni l-kelmiet "IS-SISTEMA L-ĠDIDA TA' TASSAZZJONI" U "LAQGHAT TA' INFORMAZZJONI GHAS-*SELF EMPLOYED*", jidher *announcer* u jgħid fil-qosor ħafna dwar x'hix tittratta s-silta li tkun sejra tixxandra. Wara jidher il-Prim Ministru, flimkien ma' *panel* ta' nies oħra. Fuq dan il-*panel,* fil-biċċa l-kbira tas-siltiet li kienu jiġu mxandra jidhru ukoll l-Onorevoli Leo Brincat, Ministru tal-Finanzi u Kummerċ u l-Onorevoli Dr. Gavin Gulia, Segretarju Parlamentari responsabbli għal dawk li jaħdmu għal rashom. Wara l-Prim Ministru u l-*panel,* bħala *background,* jidher simbolu bħal dak li jidher fuq dok. *JZ18,* i.e. simbolu ta' *per cent* (%) fejn iżda flok l-i*slash* ta' bejn iż-żewġ żerijiet żgħar tidher *check mark* (✓). Taħt dan is-simbolu jidhru l-kelmiet "SEMPLIĊI U ĠUSTA" u "SISTEMA AHJAR TA' TASSAZZJONI";

Is-silta mbagħad tkompli billi jitkellem il-Prim Ministru u jfisser kif għandu jaħdem is-*sistem* l-ġdid ta' tassazzjoni. Wara, l-Prim Ministru jwieġeb għal mistoqsijiet li jsiru minn uħud min-nies li kienu semgħuh waqt il-laqgħa. Xi drabi, twieġeb ukoll persuna oħra li tkun fuq il-*panel* mal-Prim Ministru;

L-Onorevoli Dr. Eddie Fenech Adami ukoll kellu laqgħat ma' dawk li jaħdmu għal rashom biex jiddiskuti magħhom il-liġi l-ġdida, iżda dawn il-laqgħat ma xxandrux bħal ma xxandru

dawk tal-Prim Ministru fuq il-mezzi pubbliċi tax-xandir;

Fit-23 ta' Mejju, 1997, meta kienu ġà saru uħud mix-xandiriet tal-Prim Ministru, Mario Galea, segretarju informazzjoni tal-Partit Nazzjonalista, kiteb lill-Awtorità konvenuta dwar ix-xandir ta' siltiet mil-laqgħat li saru fil-Mosta fl-20 ta' Mejju, 1997 u f'San Pawl il-Baħar fit-22 ta' Mejju, 1997. Fost ħwejjeġ oħra qal hekk:

"Is-suġġett ta' dawn il-laqgħat ... hu dwar *policy* pubblika korrenti. Is-suġġett jikkostitwixxi ukoll kontroversja politika.

Għalhekk qed nitlob lill-Awtorità tax-Xandir biex, kemm jista' jkun malajr, tagħti rimedju lill-Partit Nazzjonalista ħalli tinżam l-imparzjalità dovuta billi tara li l-faċilitajiet u l-ħin tax-xandir ikunu mqassma b'mod xieraq bejn persuni li jkunu ta' partiti politiċi differenti";

Kien hemm ittri oħra qabel din, iżda dawn kienu dwar reklami fuq il-liġi u mhux dwar ix-xandiriet ta' siltiet mil-laqgħat tal-Prim Ministru; għalhekk mhumiex relevanti għall-kawża tal-lum;

Għal din l-ittra l-Awtorità konvenuta wieġbet b'ittra tat-28 ta' Mejju, 1997 u fost ħwejjeġ oħra qalet hekk:

"Wara li kkunsidrat il-fatti tal-każ, l-Awtorità dehrilha li l-kontenut tal-programmi mxandra s'issa kien limitat għall-ispjegazzjoni teknika tat-tħaddim tat-taxxa ġdida u li ma kienx hemm il-kummenti ta' natura politikament kontroversjali.

Madankollu l-Awtorit ddeċidiet li fejn il-Partit Nazzjonalista jħoss li għandu dritt iwieġeb għal xi partijiet tal-

programmi li fl-opinjoni tiegħu huma ta' natura kontroversjali, dawn għandhom jiġu indikati lilha għal aktar konsiderazzjoni";

Barra minn din l-ittra lill-Partit Nazzjonalista, dak in-nhar stess, fit-28 ta' Mejju, 1997 l-Awtorità bagħtet ukoll ittra ċirkulari lill-istazzjonijiet kollha tat-televiżjoni sabiex tagħtihom dawn id-direttivi dwar "Programmi ta' Informazzjoni dwar il-Liġi tat-Taxxa l-Ġdida":

"L-Awtorità tirreferi għax-xandir tal-laqgħat li l-Prim Ministru qed ikollu f'diversi nħawi biex jispjega t-tħaddim tat-taxxa l-ġdida.

L-Awtorità bħalma dejjem għamlet, tirrikonoxxi d-dritt tal-Gvern tal-ġurnata li permezz tax-xandir jispjega lill-pubbliku dwar *policies* kurrenti. L-Awtorità tixtieq tfakkar li għal dan l-iskop teżisti l-iskema ta' xandiriet magħrufa bħala xandir ministerjali.

Fejn tinħass il-ħtieġa ta' spjegazzjoni fuq il-mezzi tax-xandir dwar it-tħaddim tekniku ta' xi *policy* governattiva, huwa preferibbli li l-informazzjoni għandha titwassal minn nies tekniċi li jkunu qed jirrappreżentaw lid-dipartimenti kkonċernati u dan sabiex tiġi evitata l-okkażjoni li jinħoloq żbilanċ politiku";

Għall-ittra l-oħra li semmejna ta' l-Awtorità tat-28 ta *Mejju, 1997 indirizzata lill-Partit Nazzjonalista, Mario Galea* f'isem il-partit, wara li semma l-liġi li, fil-fehma tiegħu, tolqot il-każ, wieġeb hekk fit-2 ta' Ġunju, 1997:

Hu aktar minn ovvju li x-xandiriet li qed isiru dwar it-taxxa tas-sisa huma dwar ħaġa "ta' kontroversja politika" u "jirreferixxu għal *policy* pubblika kurrenti":

Kieku l-programmi kienu ta' natura teknika, kienu jitkellmu fihom it-tekniċi u mhux il-Prim Ministru. Anzi, f'diversi tweġibiet tiegħu, il-Prim Ministru wera li l-apprezzament tekniku tiegħu kien żbaljat;

Barra minn dan, is-suġġett kollu hu ta' natura politikament kontroversjali ħafna għax kien l-*issue* ewlenija ta' l-elezzjoni ġenerali li għaddiet u l-*issue* ewlenija tal-mument. Il-presenza ta' Dr. Alfred Sant li kkondizzjona l-futur politiku tiegħu b'dik li hu sejjaħ "tneħħija tal-V.A.T., diġà tagħmel kull programm imxandra wieħed ta' kontroversja politika fl-intier tiegħu;

Hu ċar li l-programmi mxandra joħolqu żbilanċ qawwi fil-mezz ewlieni tax-xandir pubbliku għax huma eżerċizzju ta' relazzjonijiet pubbliċi dwar l-ikbar kontroversja politika ta' dawn l-aħħar snin u tal-mument;

L-għada fit-3 ta' Ġunju, 1997, infetħet il-kawża;

Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili hekk iddeċidiet fuq it-talbiet attriċi:

Għar-raġunijiet miġjuba fuq, il-Qorti taqta' l-kawża billi:

Tiċħad l-eċċezzjoni ta' intempestività mressqa mill-Awtorità dwar ix-Xandir;

Tiċħad l-eċċezzjoni ta' illeġittimità tal-persuna mressqa mill-*Public Broadcasting Services Limited*;

Tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħra taż-żewġ konvenuti;

Tilqa' l-ewwel talba ta' l-attur *nomine* billi tgħid li l-

konvenuti ma qdewx sew id-dmirijiet taghhom taht il-Kostituzzjoni u l-Liġi ta' Malta;

Tilqa' t-tieni talba billi tghid li l-konvenuti hallew li jinholoq żbilanċ fil-qasam tax-xandir dwar materja ta' kontrovesja politika u ta' *policy* pubblika kurrenti;

Tiċhad it-tielet talba; u

Tipprovdi dwar ir-raba' talba billi tikkundanna lill-konvenuti sabiex, mhux aktar tard minn ġimgha mil-lum, jaghtu lill-attur *nomine* fakoltà li, fi programm li jixxandra ta' l-istess hin bhal dawk tal-laqghat tal-Prim Ministru u li jkun tat-tul mehtieġ u xieraq, kif jidhrilha fid-diskrezzjoni responsabbli taghha l-konvenuta Awtorità tax-Xandir, jitkellem biss dwar kif, fil-fehma tieghu, il-liġi l-ġdida ghandha tkun interpretata, bla ma jaghti opinjonijiet suġġettivi dwar jekk il-liġi hix ta' ġid jew le, b'dan, iżda illi l-attur *nomine* jkun jista' juri ukoll *slogan* bhal dak li deher wara l-*panel* ta' l-Onorevoli Prim Ministru, li jaghti, f'mhux aktar minn ghaxar kelmiet, ġudizzju, ukoll jekk soġġettiv, dwar il-liġi l-ġdida ta' tassazzjoni;

*Omissis*;

Minn din is-sentenza appellaw prinċipalment kemm l-Awtorità tax-Xandir kif ukoll il-PBS Ltd. u inċidentalment l-attur *nomine*. L-Awtorità tax-Xandir intavolat ukoll appell identiku quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. B'sentenza moghtija llum mill-Qorti Kostituzzjonali ġie deċiż illi dik il-Qorti ma kellhiex ġurisidzzjoni li tiehu konjizzjoni ta' dak l-appell intavolat quddiemha stante li s-sentenza appellata ma kien fiha l-ebda "kwistjonijiet dwar interpretazzjoni tal-Kostituzzjoni li ma jkunux dawk li jistghu jaqghu taht l-artikolu 46 ta' l-istess Kostituzzjoni (artikolu 95 (2) (d)) imma kienet timporta biss l-

applikazzjoni" ta' provvedimenti ta' l-istess Kostituzzjoni. Din *il-Qorti* ta' l-Appell *jeħtiġielha tkun iggwidata b'dik* is-sentenza *u jispetta* lilha allura li tinvesti l-meritu *ta'* l-appelli intavolati quddiemha;

Din il-Qorti ser issegwi l-*iter* tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata għax dawn jikkombaċjaw ma' l-aggravji ta' l-appellanti;

L-Awtorità tissottometti illi l-*Ewwel Qorti ma* kellhiex *tiċħad* l-eċċezzjoni ta' l-intempestività *minnha* ssollevata. Hi *taċċetta* illi kien dover tagħha li *tinżamm imparzjalità* fix-Xandir. Anzi dan kien minnha kostantement *affermat però* hi *tiddistingwi* bejn żewġ sitwazzjonijiet. Dawk fejn l-Awtorità taġixxi *sua sponte* biex tara li tinżamm id-debita imparzjalità u dawk fejn ikun hemm parti li tagħmel ilment billi tallega li avveraw fatti li żviluppaw jew ġabu sitwazzjoni ta' żbilanċ. F'dan l-aħħar każ, tissottometti, jinħoloq rapport kważi ġudizzjarju u la jkun għaqli u lanqas prudenti li l-Awtorità tgħaddi biex tiddeċidi mingħajr ma tagħti l-opportunità sħiħa biex il-parti tagħmel il-każ tagħha;

L-Awtorità ssostni illi fil-każ *preżent hi dehrilha* li *prima facie* x-xandiriet in kwistjoni kienu *ta' natura teknika* u ma *kinux* joħolqu jew imissu fuq kontroversja politika. F'*dan* tinsab *ikkonfortata* mid-deċiżjoni ta' *l-Ewwel Qorti li sabet li* l-presenza tal-Prim Ministru fil-programmi *ma kinitx* neċessarjament tirrendihom kontroversjali u *li dik* il-Qorti qablet mal-konvenuti li l-biċċa l-kbira tax-xandiriet kienu ta' natura *teknika bl*-eċċezzjonijiet indikati *fl*-istess sentenza;

L-Awtorità tilmenta li hi ġiet iffaċċjata b'nuqqas ta' qadi tad-dmirijiet tagħha meta l-parti li pprovokat din is-stiwazzjóni kien l-attur *nomine* stess. L-Awtorità affidata bid-dover

kostituzzjonali *ma rrifjutat* fl-ebda mument li taqdi d-doveri tagħha *anzi stiednet* lill-attur biex jagħmel is-sottomissjonijiet neċessarji biex hija tkun tista' taqdi sewwa d-dover tagħha. Mhux sewwa *għalhekk limeta ma* kine hemm l-ebda nuuqas da parti tagħha *tiġi indikata bħala li* qiegħda tonqos. Hu fuq dan li l-Awtorità *ibbażat l-eċċezzjoni* tagħha ta' intempestività;

L-Awtorità żżid tgħid illi xhieda manifesta ta' l-aġir korrett tagħha hija l-passi li ħadet appena l-attur għamel ċara l-posizzjoni tiegħu fil-Qorti u wara li din il-Qorti għaddiet għad-deċiżjoni tagħha. Dan b'referenza għall-fatt illi wara li ngħatat is-sentenza appellata l-Awtorità ordnat lill-appellanti *PBS Ltd.* biex toffri faċilitajiet lill-appellat *nomine* ħalli jipproduċi programm ta' 45 minuta biex jagħti l-interpretazzjoni tiegħu fuq dan *is-suġġet fil-parametri* indikati fid-decide tas-sentenza appellata;

Din il-Qorti tosserva qabel xejn illi:

L-intempestività ta' l-azzjoni tista' tiġi meqjusa u stabbilita biss *minn eżami* tat-talbiet attriċi inkwadrati fil-premessi *ta' fatt u ta' dritt li jimmotivawha.*

L-attur *nomine* qed jitlob dikjarazzjoni:

Li l-konvenuti b'dak <u>li għamlu jew naqsu li jagħmlu</u> ma ħarsux id-dmirijiet tagħhom taħt il-Kostituzzjoni u taħt il-liġi; u

Li l-konvenuti *nomine* <u>ħolqu jew ħallew jinħoloq</u> żbilanċ u parzjalità fil-qasam tax-Xandir;

Dawn it-talbiet huma bbażati fuq il-premessa ta' *liġi li l-*konvenuti *nomine* għandhom l-obbligu li jagħtu servizz ta'

xandir u jaraw "li f'materja ta' kontroversja politika jew li jirreferu għal *policy* pubblika korrenti" tinżamm imparzjalità sħiħa. Huma ukoll ibbażati fuq il-premessa ta' fatt illi fl-aħħar ħmistax-il jum qabel infetħet il-kawża (u din il-Qorti hi tenuta li tikkunsidra l-fatti li seħħew sa dak in-nhar) il-konvenuti xandru jew ħallew jixxandru siltiet ta' laqgħat li l-Prim Ministru, persuna politika, kien qed ikollu mal-kummerċjanti sabiex magħhom jiddikuti l-implikazzjonijiet tal-leġislazzjoni fiskali li l-Gvern kien bi ħsiebu jintroduċi;

Għandu jiġi sottolineat illi l-attur *nomine* qed jallega nuqqas da parti ta' l-appellanti *nomine* li jżommu imparzjalità xierqa mhux biss f'materja ta' kontroversja politika imma ukoll f'materja li tirreferi għall-*policy* pubblika kurrenti. Jidher li saret ħafna enfasi kemm waqt it-trattazzjoni mill-kontendenti kif ukoll fis-sentenza appellata mill-Ewwel Qorti biex jiġi stabbilit jekk il-programmi meritu tal-kawża kellhomx kontenut ta' kontroversja politika waqt li l-aspett ta' *policy* pubblika korrenti ġie kważi għal kollox skartat. L-attur *nomine* però kjarament iddikjara fil-premessi tiegħu li x-xandiriet li għalihom qed jitlob li jingħata l-opportunità li jirrispondi kienu jirrigwardaw "materja ta' kontroversja politika u materja ta' *policy* pubblika korrenti". Għandu jkun immedjatament ovvju illi kemm l-artikolu 119 tal-Kostituzzjoni kif ukoll il-provvedimenti relevanti ta' l-Att XII ta' l-1991 dwar ix-Xandir (riportati aktar 'il fuq fis-sentenza appellata) jesiġu imparzjalità u bilanċ kemm fil-każ ta' materja ta' kontroversja politika kif ukoll fil-każ ta' materja ta' *policy* pubblika kurrenti. Kif hu ukoll ċar illi fir-rigward ta' materja politika din jeħtieġ li tkun kontroversjali biex timponi bilanċ u imparzjalità waqt li f'materja ta' *policy* pubblika kurrenti mhux meħtieġ li din tkun ta' natura kontroversjali. Hu ukoll naturali illi materja ta' *policy* pubblika kurrenti tista' tkun ta' natura politika jew le. Jekk tkun ta' natura politika ukoll mhux meħtieġ li tkun kontroversjali jekk tkun kurrenti biex timponi fuq l-Awtorità li tassigura

imparzjalità u bilanċ;

Dan qed jiġi ppreċiżat għaliex biex il-Qorti tiddeċidi l-eċċezzjoni ta' l-intempestività għandu jkun bi kjarezza ddelineat x'inhi l-funzjoni ta' l-Awtorità f'materja ta' bilanċ u imparzjalità skond il-Kostituzzjoni u l-liġi. Għandu jkun bi preċiżjoni stabbilit jekk l-Awtorità qdietx jew le dawk il-funzjonijiet fiċ-ċirkostanzi li taw lok għal din il-kawża, jekk kellhiex taqdihom minn rajha jew jekk kinitx teħtieġ li tiġi *mitluba biex hekk taġixxi minn xi parti* interessata għax tkun tħoss li ġiet ippreġudikata b'allegat nuqqas ta' bilanċ jew imparzjalità;

L-eċċezzjoni ta' l-intempestività hi impernjata fuq id-distinzjoni li tagħmel l-Awtorità fir-rikors ta' l-Appell tagħha bejn sitwazzjonijiet li fihom l-Awtorità taġixxi *sua sponte* biex tara li tinżamm id-debità imparzjalità u sitwazzjonijiet oħra fejn ikun hemm ilment li jallega "li jkunu avverraw fatti li żiluppaw jew ġabu sitwazzjoni ta' żbilanċ". Din hi distinzjoni, fil-fehma tal-Qorti, għal kollox artifiċjali li ma ssibx riskontru fil-liġi. Hi *distinzjoni li tista' jkollha biss sinifikat fil-kuntest tal-modus operandi* ta' l-Awtorità u li tista' tiġi ġustifikata fil-kuntest ta' regoli interni ta' kif l-Awtorità kellha taġixxi f'determinati ċirkostanzi biex tassigura li tespleta l-funzjonijiet kostituzzjonali u legali tagħha. Dan għaliex kemm il-Kostituzzjoni kif ukoll l-Att dwar ix-Xandir jesiġu illi l-Awtorità tassigura *l-bilanċ u l-imparzjalità fit-termini minnhom* imposti indipendentement minn jekk ikunx hemm jew le ilment minn xi parti interessata li tħoss ruħha aggravata. L-Awtorità hi obbligata li teżerċita dawn il-funzjonijiet tagħha indipendentement minn kull konsiderazzjoni oħra u mhux sempliċement b'deferenza għall-opinjonijiet diversi li jista' jkollhom partiti politiċi differenti jew gruppi ta' nies b'interessi partikolari. L-Awtorità hi fdata b'dawn il-funzjonijiet mhux sempliċement biex jiġi assigurat il-mezz kif dawn il-partiti u

organizzazzjonijiet iwasslu l-veduti tagħhom f'atmosfera ta' demokrazija sħiħa u b'hekk ikunu qed jeżerċitaw id-dritt fondamentali tagħhom għal-libertà ta' l-espressjoni - għalkemm dan hu ukoll vitali - imma ukoll u prinċipalment l-aktar bħala servizz liċ-ċittadini kollha li għandhom id-dritt li jirċievu l-ispectrum sħiħ ta' l-informazzjoni u opinjonijiet diversi fuq materji ta' kontroversja politika jew ta' *policy* pubblika kurrenti. Dan hu fondamentali għall-proċess demokratiku;

Hu proprju għalhekk li kemm il-Kostituzzjoni kif ukoll l-Att dwar ix-Xandir jimponu l-obbligu fuq l-Awtorità li tesiġi bilanċ u imparzjalità indipendentement minn jekk ikunx hemm jew le talba għar-ridress minn min bħall-appellat *nomine* jkun ħassu ppreġudikat jew offiż;

Kif osservat din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Grima *nomine* *vs* Joseph Pirotta *nomine*** deċiża fl-10 ta' Ġunju, 1996:

"Hu rilevanti - u l-Qorti trid neċessarjament tieħu nota ta' dan - illi l-funzjoni ta' l-Awtorità għadha prinċipalment dik ta' *watchdog* bil-kompitu li timmoniterja fit-territorju nazzjonali l-operat tas-servizzi tar-radju u televizjoni u taħt ċertu aspett ukoll il-kontenut ta' dawn is-servizzi. Funzjoni din li entro ċerti limiti bażiċi fondamentali hi aċċettata bħala valida f'soċjetà demokratika biex tassigura imparzjalità u l-aċċessibbilità għall-medja lill-opinjonijiet diversi u diverġenti. Din hi l-funzjoni primarja kostituzzjonali ta' l-Awtorità tax-Xandir bħala strument biex tassigura l-libertà ta' l-espressjoni fis-soċjetà li neċessarjament trid tiggwidaha jew tinfluwenzaha fl-eżerċizzju tal-poteri tagħha taħt l-Att XII ta' l-1991;

*Omissis*;

Dan kollu qed jingħad biex tiġi sottolineata l-funzjoni dupliċi ta' l-Awtorità. Dik primarja bħala strument kostituzzjonali biex tassigura d-dritt fondamentali tal-libertà ta' l-esprssjoni fi sfond ta' ekwità, imparzjalità u ugwaljanza ta' opportunità, u dik sekondarja iżda xejn anqas, importanti, li hi dik il-funzjoni organizzattiva immirata lejn l-implimentazzjoni fil-prattika tal-politika salutari tal-pluraliżmu fix-Xandir";

U din hi proprju d-differenza kardinali u f'ċertu sens *rivoluzzjonarja bejn dak li kienet tipprovdi l-liġi li tirregola x-*Xandir qabel ma ġie fis-seħħ l-Att XII ta' l-1991 u dak li jipprovdi dan l-Att fir-rigward tal-pluraliżmu effettiv fil-qasam tax-Xandir. Bħala konsegwenza diretta tal-liberazzjoni tal-mezzi tax-xandir introdotta b'dan l-Att, il-liġi kkonferiet fuq l-Awtorità poteri u responsabbilitajiet ferm akbar fir-rigward ta' l-organizzazzjoni u regolamentazzjoni tal-mezzi tax-Xandir u dana biex sewwa tippermettilha tespleta b'effiċjenza u effikaċja *r-rwol sekondarju tagħha. L-Awtorità akkwistat aktar* awtonomija u spazju biex topera f'ambjent pluralistiku u liberalizzat li neċessarjament jimplika ukoll li l-indħil mill-Awtorità dwar dak li għandu jew ma għandux jixxandar kellu jiġi ridott għall-minimu sakemm id-dettami tal-Kostituzzjoni u tal-Liġi jiġu rispettati. Fil-proċess allura l-liġi kellha neċessarjament tirresponsabbilizza ukoll - lil *licencees* awtorizzati mill-Awtorità biex ixandru fosthom il-PBS Limited. Dana billi filwaqt li tħallihom fil-libertà sħiħa li jxandru dak li kien jidhrilhom li kellu jixxandar imponiet fuqhom li jagħmlu dan fil-parametri imposti fil-Kostituzzjoni u fil-Liġi u fil-kondizzjonijiet tal-liċenzja partikolari tagħhom. Dana anke fir-rigward ta' materji ta' kontroversja politika u ta' materji ta' *policy* pubblika kurrenti. Infatti l-funzjoni regolatriċi ta' l-Awtorità tax-Xandir qabel ma ġie fis-seħħ dak l-Att kienet ferm aktar riġida u inflessibbli billi kien hemm biss għas-servizz taċ-ċittadin il-mezzi tax-xandir ta' l-Istat. L-Att XII ta' l-1991 li assigura apertura sħiħa għall-pluraliżmu kien maħsub li jkollu l-

effett li jevolvi l-proċess demokratiku fil-pajjiż fir-rigward ta' l-iskabju ta' l-ideat u informazzjoni b'mod li dan jimmatura sal-punt li almenu fil-parti l-kbira d-disseminazzjoni ta' ideat diversi u diverġenti, anke *fil-kamp politiku, jkunu jibbilanċjaw* u jinnewtralizzaw lil xulxin. Ċertament f'dan ir-rigward sar progress notevoli fil-qasam tax-xandir permezz tar-radju. Forsi mhux daqstant fil-qasam tax-xandir permezz tat-televiżjoni fejn il-pluraliżmu għadu ma laħaqx *il-milja* tiegħu billi l-aċċess għall-mezzi diversi f'dan il-qasam għadu limitat. Il-funzjoni primarja ta' l-Awtorità però baqgħet dejjem l-istess kif kienet espressa fil-Kostituzzjoni għaliex: "*Today Television is the most powerful medium for communicating ideas and dissiminating inforamtion. The enjoyment of freedom of expression therefore includes freedom to use such a medium*" (**Courtney and Hoare *vs* Belize Broadcasting Authority** - deċiża mill-Qorti ta' l-Appell ta' dak il-pajjiż fl-20 ta' Ġunju, 1986);

Il-Qorti sodisfatta li l-Awtorità tax-Xandir dan kollu ma tikkontestahx. Qed tippretendi però *li fil-każ in eżami la darba* hi kienet ġiet mitluba biex tintervjeni mill-appellant *nomine* ma kellhiex tiġi misjuba ħatja li naqset mid-doveri tagħha li taqdi l-funzjonijiet tagħha *una volta* kienet talbet lill-appellat *nomine* biex ikun speċifiku fl-*ilment* tiegħu u dan naqas li jikkorrispondi għat-talba tagħha;

Dan iwassal lill-Qorti biex teżamina x-xorta ta' prograammi li ġew *imxandra u li għalihom oġġezzjona* l-attur *nomine*, in-natura tagħhom u ċ-ċirkostanzi li fihom ġew imxandra. Hu minn dan l-eżerċizzju li l-Qorti tista' tagħmel apprezzament ġust ta' kif kellha jew ma kellhiex taġixxi l-Awtorità u jekk allura kinitx *sostenibbli* l-eċċezzjoni tagħha ta' l-intempestività ta' l-azzjoni;

Din il-Qorti eżaminat attentament il-konsiderazzjonijiet ta'

l-Ewwel Qorti fuq il-meritu kif ukoll *is-sottomissjonijiet tal-kontendenti* u *tikkunsidra* kif ġej:

*Filwaqt li taqbel ma' ħafna mill-osservazzjonijiet* dwar il-fatti li hemm fis-sentenza appellata, *ma jidhirx illi* ġie afferrat il-veru sinifikat u portata tat-trasmissjonijiet taħt eżami. Fil-fehma ta' din il-Qorti dak li kellu qabel xejn jattira l-attenzjoni ta' l-Awtorità fid-dawl ta' l-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha kien mhux daqstant il-kontenut tal-programmi - *għalkemm dan* hu fattur importanti - daqskemm l-idea ċertament innovattiva li l-Kap ta' l-Esekuttiv iniedi serje ta' laqgħat ta' djalogu maċ-ċittadini biex *jinformahom dwar l-implikazzjonijiet u l-effetti* ta' miżuri fiskali li l-Gvern minnu mmexxi <u>kien bi ħsiebu</u> jintroduċi. Li hu innovattiv mhux il-fatt li nżammu dawn il-laqgħat imma li dawn il-laqgħat ġew utilizzati f'kampanja biex tinforma liċ-ċittadin dwar il-validità tal-*miżuri fiskali li kienu* ser jiġu implimentati u li, hu paċifiku, kienu *issue* mill-aktar kontroversjali ċertament waqt il-kampanja elettorali imma ukoll wara u sal-lum;

Issa indubbjament l-ispettakolu f'sens *posittiv* tal-*Prim Ministru ta' pajjiż* fi djalogu sostnut maċ-ċittadini ma jistax ma jitqiesx bħala eżerċizzju demokratiku fih innifsu salutari. Kienet però inizzjattiva innovattiva f'Malta. Kien allura eżerċizzju illi *l-implikazzjonijiet tiegħu jmorru ferm oltre l-konsiderazzjoni* jekk il-programmi setgħux jew le jitqiesu u jiġu klassifikati bħala spjega ta' l-aspetti tekniċi tal-liġi proposta. Din il-Qorti jidhrilha li dan l-aspett innovattiv tal-programmi kellu *mill-ewwel jallerta* lill-Awtorità biex tindaga jekk is-serje ta' programmi kif imfassla *kinux* <u>fil-prinċipju</u> *ser* joħolqu sitwazzjoni ta' parzjalità jew żbilanċ li kellha tiġi rrimedjata jew jekk kienx hemm il-perikolu li dan jiġri. Dana fis-sens illi tiġi mogħtija opportunità ta' aċċess fuq is-servizzi tax-Xandir ta' l-Istat lill-partiti politiċi oħra biex huma ukoll iwasslu l-fehmiet tagħhom fuq is-suġġett ta' diskussjoni li dwaru *l-Kap*

ta' l-Esekuttiv kien qed jiddjaloga maċ-ċittadini;

Il-Qorti taqbel li l-presenza waħedha ta' l-Onorevoli Prim Ministru fuq dawn il-programmi ma kinitx tirrendihom xandiriet ta' kontroversja politika. Wieħed kellu - kif sewwa osservat l-Ewwel Qorti - iħares lejn il-kontenut tax-xandiriet. Però din il-Qorti lanqas taqbel li għaliex programm ikun l-aktar jinvolvi spjegazzjoni teknika ta' liġi, b'daqshekk ma setgħax ikun jew ma kellux jitqies bħala politikament kontroversjali. Altru. Kien hemm min osserva li dawn il-programmi tant kienu tekniċi li ma laħqux l-iskop tagħhom, *li kienu nieqsa mill-interess. Din* opinjoni. Il-Qorti mhijiex interessata però mill-effetti jew mill-effikaċja ta' dawn il-programmi. Hi interessata li tistabbilixxi jekk il-programmi setgħux jitqiesu li kienu xandiriet ta' kontroversja politika jew dwar *policies* pubbliċi kurrenti;

Il-Qorti ma tiddubitax li fil-parti l-kbira dawn il-programmi kienu jinvolvu spjega teknika tal-liġi u li dan kien skop prinċipali tagħhom. Il-Qorti però ma tistax ma tapprezzax li kienu ukoll programmi maħsuba biex jikkonvinċu lil min isegwihom *illi l-miżuri fiskali proposti kienu sempliċi u ġusti u* b'hekk tirrendihom aktar spjegati u allura aktar aċċettabbli mill-pubbliku. Proċess indubbjament posittiv, imma li neċessarjament ifisser kontestazzjoni ma' opinjoni politika diversa mħaddna mill-partit fl-opposizzjoni. Tant illi l-Ewwel Qorti ġustament sabet element ta' kontroversa fis-*slogan* li kien jidher fil-programmi "Sistema Aħjar ta' Tassazzjoni". Il-programmi *ma jistgħux allura ma jitqisux ukoll bħala episodju* fil-kontestazzjoni bejn iż-żewġ kampi politiċi opposti biex jikkonvinċu lill-pajjiż li s-sitema minnhom imħaddna kienet aħjar minn dik tal-partit l-ieħor. Kontestazzjoni li kienet ukoll kultant tittrappella b'mod evidenti minn xi interventi magħmula mill-pubbliku f'dawn il-laqgħat ta' djalogu;

Din il-Qorti lanqas jista' jkollha dubbju illi dawn ix-xandiriet - li kif sewwa spjegat fis-sentenza appellata ma jistgħux jitqiesu bħala *ministerial broadcasts* - kienu dwar materja ta' *policy* pubblika kurrenti. Ma jista' jkun hemm xejn aktar attwali u pubbliku mill-politika ddikjarata ta' tassazzjoni ġdida li kien proġettat li tiġi implimentata. Il-format innifsu tal-programm ta' domanda u risposta li kultant kien jiżviluppa fi djalogu bejn l-interlokutur u l-Onorevoli Prim Ministru kien spiss iqajjem punti kontroversjali - anke jekk ta' natura teknika - li ma setgħux ma jkunux f'xi każijiet b'kontenut politiku espliċitu jew impliċitu. Ċertament, il-programm kien ta' attwalità kbira għall-parti l-kbira tas-soċjetà li kienet ser tiġi b'xi mod jew ieħor interessata bil-miżuri fiskali li kellhom jiġu introdotti;

Din il-Qorti jidhrilha li l-aggravju ta' l-Awtorità kellu aktar *jiġi kkunsidrat minn din l-ottika wiesgħa ta' l-eżerċizzju* tal-funzjonijiet tagħha milli minn dik ristretta anke jekk sostanzjalment valida li għaliha llimitat ruħha l-Ewwel Qorti. Din il-Qorti tasal għall-konvinċiment illi x-xandiriet taħt eżami;

Kienu qed isiru fi skema innovattiv li kellu immedjatament jattira l-attenzjoni ta' l-Awtorità biex issegwihom u tassigura ruħha li ma joħolqux sitwazzjoni ta' żbilanċ jew parzjalità;

Kienu jikkontjenu element rilevanti ta' kontroversja politika anke jekk il-kontenut intrinsiku tagħhom kien fil-parti l-kbira spjega teknika tal-liġijiet fiskali proposti;

*Kienu indubbjament jikkonċernaw* materja ta' *policy* pubblika attwali;

Il-Qorti tifhem illi proprju bħala konsegwenza tal-

liberalizzazzjoni tax-xandir u bħala effett dirett u benefiku tal-pluraliżmu mhux meħtieġ illi jkun hemm preventivament l-approvazzjoni ta' l-Awtorità għal kull programm b'kontenut politiku jew ta' attwalità. Id-dover li jiġu assigurati l-bilanċ u l-imparzjalità huma ukoll estiżi għal-*licencees* b'mod partikolari - kif ser jingħad aktar 'l isfel - fir-rigward tal-mezzi tax-Xandir pubbliku. Mhux allura mistenni li l-Awtorità tkun minn qabel informata bix-xorta ta' programmi innovattivi li jkun maħsub li jiġu mxandra, anke jekk f'ċerti ċirkostanzi bħal dak taħt eżami, dan kien ikun desiderabbli. Mhux eskluż li hekk kienet informata f'dan il-każ. Żgur però li appena dawn il-programmi bdew jiġu rreklamati - u dan kien xi żmien qabel ġiet trasmessa l-ewwel xandira - l-Awtorità kienet konsapevoli ta' dak li l-PBS Ltd. kien bi ħsieba xxandar. Kien allura dover tagħha li fid-dawl tal-konsiderandi fuq esposti tintervjeni biex tindaga dwar l-implikazzjonijiet ta' dawn ix-xandiriet. Għal din il-Qorti dan kien każ klassiku fejn l-Awtorità kienet mistennija proprju fl-eżerċizzju tal-funzjoni primarja tagħha li tintervjeni biex tassigura imparzjalità u bilanċ. Mhux biex tindaħal f'dak li kellu jiġi jew ma jiġix imxandar jew biex tinfluwenza l-kontenut jew il-format tal-programmi imma biss biex tassigura li opinjonijiet diversi kien ser ikollhom l-istess opportunità ta' xandir fuq suġġett li din il-Qorti u allura anke l-Awtorità tirritjeni li kellhom element ta' politika kontroversjali u żgur kienu jirrigwardaw materja ta' *policy* pubblika attwali. Dana fil-limiti li jiġu aktar tard traċċjati. Ma kellhiex allura għalfejn l-Awtroità tistenna li jkollha ilment minn parti interessata biex tintervjeni. Is-sottomissjoni ta' l-Awtorità illi jinħoloq xi forma ta' kważi kuntratt bejnha u bejn il-persuna li tressaq l-ilment tagħha hu għal kollox insostenibbli fil-liġi. Jekk xejn għaliex hi bbażata fuq il-premessa żbaljata illi l-Awtorità teżerċita l-funzjonijiet tagħha fl-interess ta' xi parti interessata. L-Awtorità għandha funzjoni kostituzzjonali biex tħares l-imparzjalità u l-bilanċ fix-xandir fl-interess tas-soċjetà kollha kemm hi bħala garanti tal-proċess demokratiku u tal-jedd fondamentali ta' l-espressjoni.

Ikun gwaj jekk qatt l-Awtorità tabdika għall-eżerċizzju ta' din il-funzjoni vitali sempliċement għax ma jkollhiex ilment minn xi persuna aggravata jew jekk dik il-persuna tkun naqset li tikkorrispondi biex tikkjarifika tali ilment. Il-Kostituzzjoni tesiġi li l-Awtorità taqdi l-funzjonijiet tagħha dejjem anke f'ċirkostanzi fejn ma jkunx forsi possibbli li xi ħadd iressaq ilment quddiemha. L-Att XII ta' l-1991, inoltre, jipprospetta Awtorità tax-Xandir b'saħħitha u proattiva b'responsabbilitajiet li timmotiva xandir ħieles u pluralistiku fir-rispett tal-kriterji tal-bilanċ u imparzjalità sanċiti fil-Kostituzzjoni. L-Awtorità hi allura mgħobbija bid-dover li tintervjeni tempestivament biex tipprevjeni li jinħoloq żbilanċ jew parzjalità. Mhux biss sempliċment biex tipprovdi rimedju korrettorju meta dawn jirriżultaw. Hu doveruż li jiġi rreġistrat li ma jirriżulta mill-atti l-ebda rifless negattiv fuq l-operat ta' l-Awtorità fis-sens li jista' jitqies li din volutament abdikat għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha;

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet li jolqtu l-qalba ta' l-eżerċizzju tal-funzjonijiet ta' l-Awtorità skond il-Kostituzzjoni u l-liġi indipendentement minn dak li seta' jagħmel jew ma jagħmilx ħaddieħor issir għal kollox irrilevanti kull konsiderazzjoni dwar l-operat ta' l-attur *nomine* u jekk dan kienx jew le irreaġixxa tempestivament għall-kweżiti ta' l-istess Awtorità. Lanqas jibqa' rilevanti eżami taċ-ċirkostanzi li wasslu lill-attur *nomine* li jipproċedi bil-preżenti istanza u jekk dan kienx jew le ġustifikat li hekk jaġixxi meta aġixxa;

L-eċċezzjoni ta' l-intempestività qed tiġi għalhekk u anke għar-raġunijiet mogħtija fis-sentenza appellata respinta u l-appell ta' l-Awtorità miċħud;

Il-Qorti tqis issa l-appell tal-PBS Ltd. li hu bbażat fuq żewġ aggravji - wieħed preliminari pprovokat miċ-ċaħda ta' l-

eċċezzjoni li tipperimi l-azzjoni fil-konfront tagħha in kwantu ssostni li r-relazzjonijiet ġuridiċi diretti ta' l-attur *nomine* kienu minn dejjem ma' l-Awtorità u mhux magħha. Appellat ukoll fil-meritu;

Il-PBS Ltd. issostni li hi mhijiex il-leġittimu kontradittur ta' l-attur *nomine* u kellha allura tiġi lliberata mill-osservanza tal-ġudizzju billi ssostni f'dan ir-rigward:

Li l-azzjoni hi impernjata fuq id-dispost ta' l-artikolu 119 tal-Kostituzzjoni;

*Li wieħed ma setgħax jeżamina l-artikolu 20 tat-Tieni* Skeda ta' l-Att XII ta' l-1991 iżolatament mill-kumplament tad-disposizzjonijiet ta' l-istess liġi imma kellu jitqies fil-kuntest tal-liġi kollha *tout ensemble*. Dan l-artikolu kellu jiġi kkunsidrat taħt il-kappell ta' l-artikolu 11 (1) (ċ) li miegħu hija strettament allaċċjata t-tieni skeda taħt it-testatura "National Broadcasting Plan". Dan l-artikolu 11 jiddisponi li meta l-Awtorità toħroġ *broadcasting licences* hija għandha tkun ispirata u ggwidata mill-konsiderazzjonijiet senjalati fil-vari subinċiżi li jsegwu fosthom dak indikat fis-subinċiż (ċ) tiegħu;

Eżami ta' dawn id-disposizzjonijiet anke fl-insenjament ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Grima *nomine vs* Joseph Pirotta** aktar 'il fuq ċitata dwar il-funzjonijiet ta' l-Awtroità tax-Xandir għandu juri illi "anke l-Att XII ta' l-1991 - u dan apparti l-Kostituzzjoni - tixħet il-piż direttament fuq l-Awtorità, iżda biss indirettament (sottolinear tal-Qorti) fuq il-PBS qua *licensee* tal-Gvern". Kif opina l-Imħallef Maurice Caruana Curran fis-sentenza tiegħu **Dr. Eddie Fenech Adami *nomine vs* Dr. Gerald Montanaro Gauci *nomine*** (Prim'Awla, 3 ta' Awissu, 1977) fejn kienet ġiet issollevata eċċezzjoni simili għal dik in diżamina "ir-relazzjonijiet diretti ta' l-attur kienu,

kif dejjem baqgħu ma' l-Awtorità u din hija l-ordni li sejra tingħata li l-Awtorit in *buona fede* tiżgura l-jeddijiet indubbji tagħha fuq il-kuntrattur tagħha" (sottonlinear tal-Qorti);

Din l-eċċezzjoni setgħet kienet sostenibbli li kieku l-azzjoni ta' l-attur *nomine* kienet waħda bbażata biss fuq l-artikolu 119 tal-Kostituzzjoni. Dan għaliex il-Kostituzzjoni f'dak l-artikolu tikkonferixxi l-funzjoni taż-żamma ta' bilanċ u imparzjalità f'materja ta' xandir fuq l-Awtorità u mhux fuq ħaddieħor. Anke jekk, kif sewwa irriteniet l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata l-ġurisprudenza reċenti, però dejjem qabel l-1991, kienet waslet biex tirritjeni li s-servizz tax-xandir ta' l-Istat - allura *qua* kuntrattur ta' l-Awtorità - setgħet ukoll tinżamm responsabbli għall-vjolazzjoni ta' din ix-xorta u in fatti ġiet kemm-il darba kkundannata li tipprovdi rimedju;

Hu illum paċifiku li s-stiwazzjoni ġuridika f'dan ir-rigward inbidlet radikalment bl-Att XII ta' l-1991 u allura kull referenza għall-ġurisprudenza anteċedenti għal dik id-data fuq dan l-aspett mhix illum applikabbli. Biżżejjed jingħad illi filwaqt li qabel dak l-Att il-Gvern kien jikkontratta s-servizz ta' l-organizzazzjoni tax-xandir statali u allura l-Awtorità setgħet titqies li kienet direttament responsabbli għall-operat tal-kuntrattur tagħha fir-rigward ta' terzi, il-PBS Ltd. illum hi biss *licencee* ta' l-Awtorità - anke jekk b'obbligi speċifiċi li joħorġu mill-fatt stess li hi organizzazzjoni li waħedha tipprovdi s-servizzi tax-Xandir ta' l-Istat;

Din il-Qorti hi għal kollox sorpriża bl-atteġġjament distakkat li qed tipprova tieħu l-PBS Ltd. fir-rigward ta' sensiela ta' programmi illi aċċettat li xxandar u li allura assumiet pjenament ir-responasbbilità għaliha u li dwarha hu allegat li kienet leżiva ta' l-obbligi ta' bilanċ u imparzjalità imposti fuqha bil-liġi. L-atteġġjament tal-PBS Ltd. li bħal Pilatu

taħsel idejha mill-effetti ta' l-aġir tagħha stess meta dan seta' ukoll jitqies li kien leżiv tad-dritt fondamentali tal-libertà ta' l-espressjoni hu wieħed inspjegabbli u inaċċettabbli. Wieħed kien, fiż-żminijiet illuminati tal-lum, jistenna illi appena ġie a konjizzjoni tagħha l-ilment ta' l-attur *nomine*, l-PBS kienet immedjatament tieħu ħsieb biex tinvestiga ħalli tistabbilixxi jekk kienx hemm jew le bażi f'dan l-ilment u jekk iva immedjatament tirrettifika. Dan f'isem l-awtonomija li l-istess PBS Ltd. tgawdi llum taħt il-liġi, f'isem id-dmir li toffri lill-pubbliku servizz komprensiv u mill-aktar apert u modern, li stazzjon televiżiv nazzjonali *che si rispetta* għandu jipprovdi, u f'isem is-sens ta' bilanċ u imparzjalità li servizz ta' l-Istat għandu jipprofessa u jħaddan indipendentement minn kull obbligu legali li jista' jirriżulta minn xi Kostituzzjoni jew Liġi. Din il-Qorti tmur oltre u tqis anzi li dan kollu kellu jimmotiva l-operat tal-PBS Ltd. sa mill-ewwel mument meta ġie mitlub mid-DOI li jxandar din is-serje ta' programmi. Il-Qorti ma tiċċensurax l-operat tad-DOI u ta' min oriġina l-programmi. Ma kienx kompitu ta' dawn l-awtoritajiet illi jassigura la l-bilanċ u lanqas l-aċċessibilità tal-mezzi tax-Xandir għall-partit jew persuni b'opinjonijiet differenti fuq is-suġġett ta' *policy* pubblika attwali jew anke ta' kontroversja politika li huma xtaqu jxandru. Dak id-dover kien fl-ewwel lok jinkombi fuq il-PBS Ltd. li ma kellhiex u ma għandhiex illum id-dritt li teludih billi tistaħba wara xi responsabbilità "diretta" (*sic*) ta' l-Awtorità f'dan ir-rigward. Il-Qorti ma naqsitx li tinnota illi l-appellant PBS Ltd. <u>taċċetta</u> u tammetti fis-sottomissjonijiet tagħha illi l-Att XII ta' l-1991 jixħet fuqha "<u>piż indirettament</u>" *qua licencee* tal-Gvern. Minn hemm biss diġà toħroġ ċara r-relazzjoni ġuridika bejn il-PBS Ltd. bħala l-istazzjon li xandar il-programmi u l-attur *nomine* li jallega li ġew leżi d-drittijiet tiegħu taħt il-Kostituzzjoni u that il-liġi bħala konsegwenza diretta tax-xandir ta' dawk il-programmi. Biżżejjed li jiġi rrilevat - kif fuq ikkonsidrat - illi l-programmi llum, nonostante l-kontenut tagħhom jixxandru fl-ewwel lok fuq ir-

responsabbilità tal-*licensee* li tassumi l-paternità tagħhom u allura ukoll l-obbligu li dawn ma jkunux jivvjolaw kemm l-artikolu 119 tal-Kostituzzjoni fir-rigward tar-rekwiżit ta' bilanċ u imparzjalità kif ukoll u aktar il-provvedimenti ta' l-Att XII ta' l-1991 li taħthom ingħatat il-liċenzja tax-xandir;

Din il-Qorti eżaminat l-Att XII ta' l-1991 u senjatament l-artikoli li fuqhom tistrieħ il-PBS Ltd. biex issostni l-aggravju tagħha li hi ma kinitx il-leġittimu kontradittur ta' l-attur *nomine*. Dan l-eżami wassal lill-Qorti għall-konvinċiment għal kollox oppost għal dak li tippretendi s-soċjetà appellanti. Infatti qari ta' l-Att kollu *tout ensemble ictu oculi* ma jistax ma jirriflettix leġislazzjoni moderna li tagħti affidament lill-Awtorità tax-Xandir u lil-*licensees* tagħha - inkluż allura l-PBS Ltd. - li jkunu fdati bil-mezzi ta' komunikazzjoni tal-massa bħala entitajiet maturi u aperti għall-fehmiet ta' kulħadd li kellhom ikunu ispirati mill-konsiderazzjoni "illi l-prinċipji tal-libertà ta' espressjoni u pluraliżmu jkunu l-prinċipji bażiċi li jirregolaw l-għoti ta' servizzi tax-xandir f'Malta" (subinċiż 1 (a) ta' l-artikolu 11). U jekk dawn il-prinċipji kienu jorbtu u jobbligaw lil-*licensees* ta' stazzjonijiet privati *multo magis* kellhom jorbtu u jobbligaw l-istazzjonijiet tax-xandir pubbliku. Huwa dan is-subinċiż li hu rilevanti għall-kawża odjerna u mhux is-subinċiż (ċ) ta' l-istess artikolu li jirrigwarda l-għoti ta' liċenzji lil stazzjonijiet privati u kif dawn jinkwadraw fil-qafas ta' Pjan Nazzjonali għax-Xandir;

L-artikolu 20 tat-Tieni Skeda riprodott aktar 'il fuq fis-sentenza appellata mhux biss għandu jkun il-*vademecum* li janima l-uffiċjali tax-xandir pubbliku mill-kbir saż-żgħir u jiggwidahom imma ukoll jimponi obbligi legali preċiżi fuq min jopera mezz pubbliku tax-xandir f'Malta. Obbligi legali mhux versu l-Awtorità imma versu s-soċjetà li lejha u lilha tirrispondi. Ix-xandir pubbliku - illum ġestit biss mill-PBS Ltd. - għandu r-responsabbilità partikolari li jipprovdi aħbarijiet u programmi

ta' avvenimenti kurrenti (kif ġie ddikjarat issa li kienu l-programmi *de quo*) li jirrispettaw "il-ħtiġijiet kostituzzjonali ta' imparzjalità". Dawn il-programmi "iridu jimxu ma' prinċipji ġurnalistiċi li jiżguraw servizz ta' informazzjoni li jagħti stampa ċara u qrib il-verità fl-interess ta' soċjetà demokratika u pluralistika". U jekk il-programmi *de quo* jitqies li huma servizz ta' informazzjoni u spjega teknika ta' liġi proposta kontestata anke t-tieni parti ta' dan is-subinċiż hi applikabbli u esiġibbli mhux biss kontra l-Awtorità li kellhaid-dover li tissorvelja u tassigura li x-xandiriet kollha jkunu konformi mal-liġi (artikolu 13) imma ukoll fil-konfront tal-PBS Ltd. li kienet fl-ewwel lok responsabbli għal dawn ix-xandiriet;

Din il-Qorti finalment ma tistax taqbel ma' l-atteġġjament tal-PBS Ltd. f'din il-kawża li, bħala servizz pubbliku, hi tqis lilha nfisha eżenti minn xi disposizzjonijiet ta' l-Att XII ta' l-1991 u li allura hi għandha xi status differenti minn dak ta' stazzjonijiet oħra privati lliċenzjati mill-Awtorità li jeskludiha mir-resonasbbilità versu min iħoss li jkun ġie ppreġudikat b'xi aġir tagħha u dana in vjolazzjoni tal-Kostituzzjoni jew ta' l-Att XII. Atteġġjament dan li ma jsib l-ebda konfort fil-liġi. Kif sewwa indika l-appellat *nomine* l-unika eżenzjoni li tgawdi l-PBS Ltd. hi dik stipulata fis-subinċiż 4 ta' l-artikolu 39 li jirrigwarda s-subartikolu (1) u (4) ta' l-artikolu 10 ta' l-istess Att. Artikoli li però ma jirrigwardawx il-preżenti vertenza;

L-eċċezzjoni tal-PBS Ltd. li hi ma kinitx il-leġittimu kontradittur ta' l-attur *nomine* qed tiġi għalhekk u anke għar-raġunijiet kunsidrati mill-Ewwel Qorti miċħuda;

Il-PBS Ltd. appellat ukoll fil-meritu. Appell li fil-verità hu llum sa ċertu punt ippreġudikat mill-fatt illi l-Awtorità tax-Xandir filwaqt li appellat miċ-ċaħda ta' l-eċċezzjoni tagħha ta' l-intempestività ta' l-azzjoni ma appellatx minn dik il-parti tas-

sentenza li ddeċidiet il-meritu. *Infatti* għandu jiġi kunsidrat li l-Awtorità issokkombiet għal dik id-deċiżjoni li issa li ġiet definittivament respinta l-eċċezzjoni ta' l-*intempestività* għaddiet in ġudikat fil-konfront ta' l-Awtorità. Tant hu hekk li wara dik is-sentenza - anke jekk l-Awtorità ssostni mhux bħala konsegwenza u in esekuzzjoni tagħha - l-Awtorità tat direttiva lill-PBS Ltd. biex tagħmel arranġamenti biex l-attur *nomine* jingħata l-opportunità li jesponi l-veduti tiegħu. Ordni li l-PBS Ltd. - indipendentement mill-eżitu ta' l-appell tagħha - hi tenuta bil-liġi u bil-kondizzjonijiet tal-liċenzja li tesegwixxi;

Hu allura diskutibbli kemm jibqa' sostenibbli l-appell tal-PBS Ltd. fil-meritu. Aspett li jippresta ruħu għal diversi konsiderazzjonijiet interessanti imma li din il-Qorti ma jidhrilhiex utili f'dan l-istadju tal-kawża li tinoltra fihom. Dan għaliex l-aggravji tal-PBS Ltd. fil-meritu jirrigwardaw sostanzjalment in-natura tax-xandiriet taħt eżami u jekk dawn kinux tali li b'xi mod jistgħu joħolqu żbilanċ jew parzjalità li allura jkunu jiġġustifikaw l-ilment ta' l-attur *nomine*. Il-PBS Ltd. naturalment issostni illi l-programmi kienu biss limitati għall-spjegazzjoni teknika tal-liġi proposta li sal-lum infatti ġiet definittivament approvata mill-Kamra tar-Rappreżentanti. Issostni li ma kinux programmi politikament kontroversjali u li l-presenza tal-Prim Ministru fl-ebda mod ma kienet tirrendi l-programmi xandiriet ta' kontroversja politika. Hi tipprova ssib konfort għall-aggravju tagħha anke minn konsiderazzjonijiet fis-sentenza appellata u ssostni li dik is-sentenza għamlet il-konsiderazzjonijiet ġusti però ġibdet il-konklużjonijiet żbaljati;

Dan kollu ġie diġà minn din il-Qorti epurat meta kkunsidrat l-appell ta' l-Awtorità tax-Xandir u ma jidhirx li l-aggravju tal-PBS Ltd. fil-meritu anke jekk ben artikolat jissolleva xi punti ġodda li jeħtieġu eżami ulterjuri;

L-appell tal-PBS Ltd. fil-meritu anke jekk *jitqies li għadu* llum sostenibbli għandu għalhekk jiġi miċħud bl-istess motivazzjoni *mutatis mutandis* u safejn hija applikabbli li biha din il-Qorti ċaħdet l-appell ta' l-Awtorità tax-Xandir;

L-attur *nomine* appella inċidentalment. Appella minn dik il-parti tas-sentenza li biha l-Ewwel Qorti ċaħdet it-tielet talba tiegħu u anke fejn il-Qorti meta laqgħet ir-raba' *talba attriċi* llimitat id-dritt tar-rimedju favur l-appellat *nomine* u dana anke għaliex sostniet li, fir-raġunijiet li tat għax il-kontenut tax-xandiriet in kwistjoni kien ta' natura kontroversjali, naqset milli tikkunsidra biżżejjed l-aggravji kollha ta' l-istess appellant;

L-aggravju ta' l-attur *nomine* hu allura limitat għar-rimedju li l-Ewwel Qorti akkordat biex terġa' *tirripristina* l-bilanċ xieraq. It-talba ta' l-attur *nomine* kienet fis-sens li l-konvenuti jiġu ordnati li fi żmien qasir li jingħatalhom ixandru jew jaraw li jixxandru siltiet ta' laqgħat *mal-kummerċjanti li* kellu l-attur *nomine* fuq l-istess materja, jaraw li dawn is-siltiet ikunu *edited* b'mod professjonali u jkunu mxandrin fl-istess ħin u bl-istess mod bħal dawk is-siltiet li kienu mxandra mil-laqgħat li kellu l-Onorevoli Prim Ministru;

Issa għandu jkun immedjatament ċar illi r-rimedju akkordat mill-Ewwel Qorti u l-limitazzjonijiet tiegħu kienu kkondizzjonati u rrelatati mad-deċiżjoni ta' dik il-Qorti fir-rigward tan-natura tax-xandiriet ikkontestati u safejn jista' jingħad li dawn ħolqu sitwazzjoni ta' parzjalità jew żbilanċ. Dan ifisser illi jekk din il-Qorti tasal, kif fil-fatt waslet, għall-konklużjoni differenti dwar dan l-aspett tal-vertenza li hi aktar gravuża fir-rigward tar-responsabbilitajiet tal-konvenuti *nomine* dan ikun jimponi fuq din il-Qorti li tvarja u taġġorna r-rimedju mogħti biex jirrifletti aħjar il-vjolazzjoni riskontrata;

Kif fuq ikkunsidrat din il-Qorti waslet għall-konvinċiment illi s-serje ta' programmi filwaqt li setgħu jiġu kkunsidrati bħala informattivi tat-teknika tal-liġi fiskali proposta kellhom indubbjament element ta' kontroversja politika fi grad aktar minn dak stabbilit fis-sentenza appellata u għar-raġunijiet ġà kkunsidrati kif ukoll indubbjament kienu programmi dwar *policy* pubblika attwali. Is-sottomissjoni ta' l-appellat *nomine* hi li f'materja ta' kontroversja politika u ta' *policy* pubblika kurrenti huwa meħtieġ li mhux biss ikun hemm imparzjalità xierqa iżda ukoll li "il-faċilitajiet u l-ħin tax-xandir huma maqsuma b'mod xieraq bejn persuni li jkunu ta' partiti politiċi differenti";

Din il-Qorti ma taqbilx però li dan neċessarjament ifisser, kif jissottometti l-appellat *nomine,* illi safejn hu possibbli l-faċilitajiet u l-ħin kollu f'kull każ jiġu ekwiparati. Kif ġà kkunsidrat fil-każ taħt eżami ma hemmx dubbju illi parti sostanzjali tax-xandiriet kienu verament informattivi ta' l-aspett tekniku tal-liġi u l-iżbilanċ li ndubbjament inħoloq għandu jiġi arġinat fil-parametri tal-konsiderazzjonijiet li għamlet din il-Qorti u l-konklużjonijiet li waslet għalihom meta kkunsidrat l-aggravji ta' l-Awtorità. Din il-Qorti tifhem illi ma għandux ikun hemm diffikultà li l-attur *nomine* jitħalla juża l-istess format jew wieħed simili għal dak użat fix-xandiriet ikkontestati, salv dak li sejjer jingħad aktar 'il quddiem;

L-attur *nomine* qed jitlob bħala bilanċ xieraq, kif ingħad, li l-Awtorità tordna lill-konvenuti li jxandru jew jaraw li jixxandar siltiet ta' laqgħat mal-kummerċjanti li kellu l-istess attur *nomine* fuq l-istess materja. Din il-Qorti taqbel fil-prinċipju li fiċ-ċirkostanzi attwali tal-każ hu ġust li biex jiġi rrettifikat l-iżbilanċ ir-rimedju għandu jinkludi x-xandir ta' siltiet minn laqgħat simili li għamel il-Kap ta' l-Opposizzjoni għax anke f'dan hemm element innovattiv ta' djalogu maċ-ċittadini fuq leġislazzjoni fiskali proposta. Il-Qorti ma taqbilx però illi dan

ifisser li neċessarjament ir-rimedju kellu jinkludi l-istess numru ta' programmi ta' l-istess tul bħal dawk imxandra kkontestati, anke kkunsidrat *il-fatt illi dawk il-programmi* kienu jinkludu element rilevanti ta' informazzjoni teknika. Hi l-fehma konsidrata ta' din il-Qorti illi allura jkun adegwat illi l-attur *nomine* jingħata l-faċilità li jipproduċi programm ta' siegħa li jkun jinkludi siltiet mil-laqgħat *li kellu* mal-kummerċjanti fuq *l*-istess materja u li jkun jissodisfa lill-Awtorità illi l-iżbilanċ li ġie ppruvat li nħoloq ikun effettivament ġie radrizzat, liema programm għandu jiġi mxandar fl-istess ħin li ġew imxandra l-laqgħat tal-Prim Ministru;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-Appelli hekk:

Tiċħad l-appell prinċipali ta' l-Awtorità tax-Xandir, bl-ispejjeż ta' dan l-appell a karigu tagħhom;

Tiċħad l-appell prinċipali tal-PBS Ltd. bl-ispejjeż ta' dan l-appell kontra tagħhom;

Tilqa' l-appell inċidentali fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq magħmula billi tirriforma s-sentenza appellata in kwantu din ċaħdet it-tielet talba, liema talba ser tiġi milqugħa fil-limiti infraskritti, u billi għall-provvediment mogħti mill-Ewwel Qorti taħt ir-raba' talba, tissostitwixxi s-segwenti. Tikkundanna lill-konvenuti *nomine* sabiex mhux aktar tard minn ġimgħa mil-lum jagħtu lill-attur *nomine* l-fakoltà li fi programm li jixxandar fl-istess ħin bħal dawk tal-laqgħat tal-Prim Ministru jxandru programm li jipproduċu huma tad-durata ta' siegħa li jkun jinkludi siltiet mil-laqgħat li kellu mal-kummerċjanti l-attur *nomine* fuq l-istess materja kkontestata u *li jkun jissodisfa lill*-Awtorità tax-Xandir illi effettivament jirradrizza l-iżbilanċ li ġie ppruvat li nħoloq;

L-ispejjeż ta' l-appell inċidentali jibqgħu bla taxxa bejn il-kontendenti;

Il-kap ta' l-ispejjeż kif deċiż fis-sentenza appellata qed jiġi rriformat fis-sens li l-ispejjeż kollha tal-Prim'Istanza jitħallsu mill-konvenuti *nomine* f'ishma ndaqs.